MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2013

Numru. 1320/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edmond Cuschieri**

**vs**

**Mohammed Hamdan**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mohammed Hamdan detentur tal-karta tal-identita` numru 21197(A).

Akkuzat talli:
Nhar id-9 ta' Dicembru 2010, ghall-habta tal-ghaxra ta' filghaxija gewwa l-Blokk Marika Flats, li jinsab fi Triq Garcia De Toledo, San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jikkommetti delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ittantat li jikkaguna ferita gravi, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez, fuq

il-persuna ta’ Carmel Cachia, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta` tal-imputat u dan ai termini tal-Artikoli 41, 214, 216(1)(a), 217 u 22(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli nhar id-9 ta’ Dicembru 2010, ghall-habta tal-ghaxra ta’ filghaxija gewwa l-Blokk Marika Flats, li jinsab fi Triq Garcia De Toledo, San Pawl il-Bahar, huwa volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara teccedi l-valur ta’ €116.47 imma hija inqas minn €1,164.69 u li saret fuq il-bieb ta’ barra ta’ appartament bin-numru 4 u dan ghad-dannu ta’ Carmel Cachia u jew persuni ohra u dan ai terminu tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil Carmel Cachia biza’ li ser tintunza vjolenza kontrih, jew kontra l-proprjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew l-proprjeta` ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222 u dan ai termini tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli wkoll fl-istess data, lok hin u cirkostanzi filwaqt li kien qieghed jaghmel reat kontra s-sigurta` tal-gvern jew kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma rregolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta’ dawk l-oggetti u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi garr ’il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulziija u dan ai termini tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji u jew theddid bil-fomm lil Carmel Cachia u dan ai termini tal-Artikolu 339e tal-Kapitolu 9 tal-LIgijiet ta’ Malta;

Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 338dd tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli wkoll fl-istess data, ghall-habta tal-21:45hrs, gewwa l-ghassa tal-Mosta, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS455 Emanuel Sammut membru fil-korp tal-pulizija u inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan ai terminu tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja li nghataw lilu nhar l-1 ta' Dicembru 2006, mill-Magistrat Dr A Micallef Trigona LL.D.;

Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser garanzija personali ta' €1000 li gie mqieghed tahta ghal sena f'sentenza moghtija nhar is-17 ta' Mejju 2010, mill-Magistrat Dr S Demicoli LL.D. u li liema garanzija kienet fil-konfront tal-imsemmi Carmel Cachia.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tahseb ghas-sigurta` tal-vittma billi tul il-proceduri taghti ordni ta' protezzjoni skont kif hemm mahsub fl-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tahseb ghas-sigurta` tal-vittmi billi tordna garanzija ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, ghal dak il-perjodu li jidhrilha xieraq skont il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kaz kif ukoll l-Artikoli tal-Avukat Generali a fol. 125 tal-process;

Semghet bir-reqqa d-deposizzjoni tax-xhieda principali u cioe` tal-parte civile u tal-imputat Mohammed Hamdan.

Ikkunsidrat;

Illi minn din l-ahhar xhieda l-imputat prattikament ammetta l-akkuzi kollha hlief illi huwa uza arma sabiex jifqa’ l-bieb in kwistjoni.  Fil-fatt, jekk wiehed jara ritratti a fol 88 et seq tal-process jidher car illi kien hemm xi pannelli mill-bieb mifqughin u ma jidhirx mid-dehra generali tal-bieb li ntuzat xi sikkina sabiex dan jinfaqa’ hekk kif xehed il-parte civile Carmel Cachia.

Illi l-imputat spjegat b’mod car l-iter li wasslu ghal dak li ghamel u cioe` ghal dawk il-granet shah fejn huwa kien jigi tard mix-xoghol u ma setax jorqod minhabba hsejjes jghajjtu min-naha tal-appartament tal-parte civile.

Illi ghalhekk iddecieda darba minnhom sabiex imur jorqod l-ghassa tal-pulizija.  Illi tenut kont tac-cirkostanzi din il-Qorti hi propensa li temmen lill-imputat u dan anke wara li semghet li l-imputat u martu kellhom sahansitra jitilqu mid-dar taghhom u jmorru jikru sabiex jinzamm il-kwiet.

Illi ghalhekk m’hemmx dubju illi r-rat de quo, ghalkemm sehh, huwa pero` skuzabbli peress li b’xi mod jew iehor kien provokat bl-atteggjament kontinwu tal-parte civile fejn dan kien konxju tal-fastidju derivat mill-atteggjament tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 41, 214, 216, 217, 325(1)(b), 251B, 339(e), 338(dd), 95, 579(2), 387, 17, 31, 383 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 6 u 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, qeghda ssib lill-imputat Mohammed Hamdan hati tat-tieni, tielet, sitt, seba’, disa’ u ghaxar akkuza u (filwaqt li tilliberah mill-ewwel, raba’, hames u tmien akkuza) bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum, filwaqt li ghad-disa’ akkuza tikkundannah ghal multa ta’ mitt Ewro (€100) u tiddikjara li tenut kont tac-cirkostanzi kollha mhix ser tordna l-konfiska tal-garanzija imposta fid-digriet tal-liberta` provizorja.
Inoltre, tordna wkoll l-konfiska tas-somma ta’ elf Ewro (€1000) ordnata bhala garanzija fid-digriet ta’ din il-Qorti

diversament presjeduta fis-17 ta’ Mejju 2010 u dan a favur tal-Gvern ta’ Malta.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------